MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 250/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Abdilla)**

**vs.**

**Guido Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Guido Agius ta' 49 sena, bin Carmelo u l-mejta Andriana nee' Agius, imwieled Hal-Ghaxaq fl-24 ta' Gunju, 1953 u residenti 'Reece', Triq il-Gudja, Ghaxaq; detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 462553M

Akkuzat talli fis-6 t'Awwissu 2000, fit-2 ta' Lulju, 2001; fis-17 ta' Lulju, 2001 u fil-granet ta' qabel, u dawk ta' wara, fil-Gudja, f'Hal Ghaxaq, f'Birzebbugia u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) b'qerq, bi hsara, ta' Adel Doubl u diversi persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih, jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe', somma ta' flus li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) bi hsara ta' Adel Doubl, dan bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe' dokument bil-letterhead tal-Perit Ludovico Micallef u tal-firma tal-Perit Ludovico Micallef stess billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe' minn dokument b'letterhead tal-Perit Ludovico Micallef u tal-firma tal-Perit Ludovico Micallef u dokumenti ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Illi Guido Agius sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Settembru, 2001;

Illi in oltre, l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Guido Agius ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-22 ta' Marzu, 2004, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti l-ohra ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat ghandu diversi negozji, fosthom ta' kostruzzjoni ta' bini u ta' xoghol ta' ghamara.
2. Fl-2001, Adil Doubl kien qed jaghmel xoghol ta' tibjid u kisi ghall-imputat.
3. Adil Doubl ried jixtri appartament minghand l-imputat, u wara li ftiehmu fuq il-prezz, ftehmu li parti mill-prezz jigi pacut mal-flus li l-imputat kellu ihallsu ghax-xoghol ta' tibjid u kisi li Adil Doubl kien qed jaghmillu.
4. Sabiex jixtri dan l-appartament, Adil Doubl ha self minghand bank. Dan is-self kien maqsum fi tnejn, *loan 1* kienet ta' LM17,000 ghall-prezz tal-bejgh tal-appartament u *loan 2* kienet ta' LM13,000 sabiex ikun jista' jaghmel il-*finishings* tal-post minn gewwa.[1]

[1] Ara l-kuntratt pubbliku tas-26 ta' Gunju 2001 - Dok AO5 ezebit fid-dokument GA a fol.108 tal-process.

5. Adil Doubl jallega li l-imputat kien ghad fadallu jaghtih LM4000 ohra, u kien se jpacihom billi jahdimlu l-kcina, bibien u xi ghamara ohra, izda l-imputat ma hadimlu xejn.
6. Min-naha tieghu l-imputat jinnega din l-allegazzjoni, ghalkemm jammetti li Doubl kien ordna xi ghamara minghandu, pero ma tahx flus u wara ikkancella l-ordni.
7. Mad-dokumenti li Adil Doubl gab mill-bank waqt l-istadju tal-investigazzjoni, kien hemm certifikat li jidher mahrug mill-Perit Ludovico Micallef, ghax il-*letterhead* hija tieghu.
8. Il-Perit Ludovico Micallef qal li l-letterhead mhux dik li s-soltu juza u li l-firma mhix tieghu.
9. Minn tfittxija li saret fil-computer tal-imputat, instabu dokumenti bil-*letterhead* tal-Perit Ludovico Micallef.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar Htija**

*L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni – Qerq u Misapproprjazzjoni Indebita*

Dawn il-proceduri kriminali bdew bi kwerela ta’ Adil Doubl fejn allega li l-imputat *“ikkommetta frodi, senjatament approprazzjoni indebita* (sic)*, ghad-dannu”* tieghu fl-ammont ta’ mhux inqas minn LM3,500.[2]

Il-Qorti tghid mill-ewwel li x-xhieda ta’ Adil Doubl konfuzjonarja. Huwa xehed li xtara l-appartament minghand l-imputat in parti bi tpacija ghal flus li l-imputat kellu jtih ghax-xoghol ta’ tibjid u kisi u in parti b’self li ha mill-bank. Matul ix-xhieda tieghu kollha, Doubl jinsisti li l-imputat ghandu jtieh LM4000 ghax xoghol li ghamillu, li kellhom jigu pacuti ma xoghol tal-ghamara li l-imputat wieghdu li jaghmillu, u baqa’ ma ghamillux.

Jirrizulta li l-imputat ha bank draft ta’ LM4000 mill-bank,[3] pero dan il-bank draft kien fuq isem Adil Doubl stess. L-imputat jghid li hu mar biex jaghti dan il-bank draft lill-imputat, pero fi kliem Doubl

[2] Ara kwerela ezebita bhala Dok BZ2 a fol. 14A tal-process.

stess, l-imputat qallu *"Qalli mur hudu qisek tajtek jiena. Hekk. Qisni jien infaqtlek il-flus u xorta ghandi naghmillek il-kcina u l-bibien."*[4] Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn, Doubl ried jaghti dan il-bank draft ta' LM4000 lill-imputat jekk skont Doubl stess kien l-imputat li kellu jtih LM4000. Fit-tieni lok, jekk veru Doubl ried jaghti dan ic-cekk lill-imputat, ghalfejn il-bank draft hareg fuq ismu u mhux fuq isem l-imputat? Fi kwalunkwe kaz, mix-xhieda ta' Doubl stess ma jirrizultax li l-imputat ircieva xi flus minn dan il-bank draft ta' Doubl, jew minn xi cekk iehor biex jaghmillu xoghol tal-ghamara. L-unika haga li Doubl jinsisti fuqha fix-xhieda tieghu, kif diga inghad, hi li hu jallega li l-imputat kellu jtih LM4000 bhala hlas ghax-xoghol, li kellu jigi pacut ma xoghol tal-ghamara li baqa' ma sarx.

Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu, l-imputat kien iktar car fid-deposizzjoni tieghu. L-imputat jghid li meta hu biegh l-appartament lil Doubl, il-prezz ma giex dikjarat fl-intier tieghu fil-kuntratt ta' bejgh, ghax il-prezz kien dikjarat li kien ta' LM20,000, pero il-prezz pattwit kien ta' LM27,000. Huwa thallas in parte bi tpacija ma flus li kellu jghati lil Doubl ghax-xoghol li kien hadimlu (LM6,200), LM17,000 li l-Bank sellef bhala parti mill-prezz lil Doubl, u li hallasha direttament lill-imputat fuq il-kuntratt. Il-Bank hallas lill-imputat il-bilanc ta' Lm3,800, billi l-Perit Ludovico Micallef ghamel dikjarazzjoni fil-15 ta' Marzu 2001, li l-imputat kien nefaq l-ammont ta' Lm3,800, f'xogholijiet li saru fl-appartament li xtara Doubl, u ghalhekk, il-Bank tah dan l-ammont minn *loan 2* li kien ta' lil Doubl, sabiex jikkompleta l-appartament.[5]

L-imputat jghid li l-cash sales fuq kumpaniji tieghu a favur Adil Doubl, li kienu wahda ghal xoghol tal-injam u l-ohra ghal xoghol ta' madum u xoghol iehor relatat mal-kamra tal-banju, fl-ammont totali ta' LM4,700, kienu fittizji, u l-imputat ghamilhom sabiex Doubl seta' jipprezentahom lill-Bank u jiehu l-flus mit-tieni self tieghu.

L-imputat jghid li Doubl ghamel tlett ordnijiet f'dati differenti ghall-ghamara, li dawn gew kancellati minn Doubl stess fis-7 ta' Ottubru 2001, bara l-bieb tal-appartament li kien jiswa LM275 u li skont l-imputat Doubl qatt ma hallsu tieghu.

[3] Ara Dok BZ5 a fol. 17 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Adil Doubl a fol. 29 tal-process.
[5] Ara Dok AO6 u AO7 ezebiti fid-dokument GA a fol.108 tal-process.

L-imputat innega li huwa qatt ha xi flus minghand Doubl biex jaghmillu xi xoghol jew hadlu flus u ma ghamillux ix-xoghol.

F'dawl ta' dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel u t-tieni imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Fil-verita, kull ma jirrizulta minn dawn il-provi huwa li d-diverbju bejn Doubl u l-imputat kien wiehed civili, li qatt ma missu wassal ghal dawn il-proceduri kriminali. Fil-fatt fl-ewwel ittra li l-avukat ta' Doubl baghat lill-imputat fil-21 ta' Mejju 2003 jghid hekk: *"Kif taf tajjeb il-mittenti kien tak cheque fl-ammont ta' erbat elef Liri Maltin (lm4000) sabiex inti taghmel il-kcina u l-bibien tal-appartament kollha. Minkejja dan il-pagament, sal-gurnata tal-lum, iktar minn sena u nofs wara ix-xoghol ghadu ma sarx."*[6]

Kif sewwa osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siefried Borg Cole LL.D.**, deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, *"Anke mad-daqqa t'ghajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm bejn Gaglione u Borg Cole kienet wahda ta' natura purament civili. ... ... Din mhix l-ewwel darba li din il-Qorti kellha ticcensura lill-Pulizija meta din, flok ma tezamina l-kaz sew biex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha – ghall-inqas prima facie – biex tipprocedi kriminalment, taqbad u tiehu t-triq l-aktar facli li takkuza lil dak li jkun quddiem il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulzija u l-proceduri kriminali jigu strumentalizzati biex tigi ezercitata pressjoni fuq dak li jkun biex jezegwixxi xi obbligu civili meta fl-istess waqt il-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha ma jkunux juru li verament hemm kaz ta' reat."*

Din l-osservazzjoni tapplika ugwalment fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

*<u>It-Tielet u r-Raba Imputazzjoni – Falsifikazzjoni tal-Letterhead tal-Perit Ludovico Micallef u tal-firma tal-Perit Ludovico Micallef</u>*

[6] Ara Dok KO1 ezebit fid-dokument GA a fol.108 tal-process.
[7] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

Dawn l-imputazzjonijiet jirreferu partikolarment ghad-dikjarazzjoni allegatament mahruga mill-Perit Ludovico Micallef fl-1 ta' Awwissu 2000 mahruga lill-Bank, fejn il-Perit iddikjara li Doubl kien nefaq LM4,700 f'affarijiet tal-kamra tal-banju u bibien interni,[8] kif ukoll ghal fatt li fil-computer tal-imputat instabu dokumenti b'*letterhead* tal-Perit.[9]

Il-Perit Micallef xehed li l-firma fuq l-ittra tal-1 ta' Awwissu mhix tieghu u l-*letterhead* mhix dik li juza hu l-ufficcju.

L-imputat xehed, li hu kellu relazzjoni professjonali mal-Perit ghal diversi snin. L-imputat cahad li hu qatt iffalsifika l-firma tal-perit. Pero stqarr, li peress li l-Perit kien imhabbat hafna, l-imputat kien jipprepara d-dokument fuq letterhead li kien ghamel hu, johodhom l-ufficcju tal-Perit, u peress li normalment il-Perit ma kienx ikun hemm kien ihallihom ma' impjegat tieghu, u wara jmur biex jigbor il-karti iffirmati.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tat-tielet imputazzjoni, ghax l-allegata falsifikazzjoni la saret f'att awtentiku u pubbliku, u lanqas fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat. Ghaldaqstant, jifdal x'tigi ikkunsidrata ir-raba' imputazzjoni.

Rigward l-allegata falsifikazzjoni tal-firma tal-Perit fl-ittra tal-1 t'Awwissu 2000, ma hemm l-ebda prova xjentifika fil-process la li l-firma hi falza u wisq inqas li kien l-imputat li iffalsifikha, u ghaldaqstant m'hemmx prova li l-imputat iffalsifika l-firma tal-perit la f'dik id-data u lanqas f'dati ohra.

Rigward l-allegata falsifikazzjoni tal-*letterhead* tal-Perit, l-imputat xehed li hu kien jipprepara d-dokumenti fuq il-*letterhead* tal-Perit fuq il-computer tieghu, biex ihaffef ix-xoghol tal-Perit, u xehed ukoll li dawn id-dokumenti originati minnu kienu jigu iffirmati mill-Perit. Din ix-xhieda tal-imputat ma giet kontradetta minn hadd, u ghalhekk mill-provi jidher, li l-Perit, ghall-inqas implicitament, kien accetta li d-dokumenti li kien jaghmel l-imputat bil-*letterhead* mhux ufficcjali tieghu.

Ghaldaqstant, l-imputat lanqas jista' jinstab hati tar-raba' imputazzjoni.

---

[8] Ara Dok LM a fol 63 tal-process.
[9] Ezebiti minn fol. 46 sa 51 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu, u qieghda tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------